**1 ta' Frar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Bugeja *noe*

*versus*

Godwin Abela *noe*

**Danni – Responsabbilità – Depożitu – Depożitarju**

*Kawża fuq merkanzija nieqsa. Interessanti l-aspetti fattwali tal-kawża in kwantu jwasslu għal elaborazzjoni ta' prinċipji legali u dwar ir-responsabbilità tad-depożitarju.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur wara li ppremetta illi fil-Portijiet ta' Kobe, il-Ġappun u Hong Kong (skond *Bills of Lading* Numri 95274 u SH5862) ġew mgħobbija fuq il-vapur *"Welsh Trident"* ta' proprjetà tad-ditti istanti taħt in-numru (1) u *chartered* lid-ditta istanti *Nippon Yusen Kaisha (N.T.K. Line)* tnejn u tletin (32) kaxxa (*"cartons"*) ta' *lighters* tal-gas iddestinati għal Hodeidah, North Yemen għar-riċevituri indikati taħt in-numru (3) tlieta; u peress li din il-merkanzija bi żball ma tnizzlitx fil-port tad-destinazzjoni u ġiet miġjuba fuq l-istess vapur hawn Malta fejn ġiet skarikata fl-10 ta' April, 1978 ħalli tinbagħat lill-konsenjatarji tal-merkanzija fil-Port ta' Hodeidah; u peress illi fl-10 ta' April, 1978 ġew skarikati fid-*Deep Water Quay*, il-Belt Valletta wieħed u tletin (31) *cartons* mill-merkanzija fuq imsemmija u kkonsenjati lill-konvenut *nomine* u ġew impoġġija kollha fil-*"hazardous room"* fid-*"Deep Water Quay"* taħt il-kontroll tal-kumpanija konvenuta; u peress illi fil-21 ta' Ġunju, 1978, billi l-istess merkanzija kellha tiġi karikata fuq vapur ieħor biex tittieħed fil-Port ta' Hodeidah, instab li kien hemm biss tmintax (18)-il *carton* u għalhekk tlettax (13)-il *carton* kienu neqsin għal kollox, iżda mir-rimanenti tmintax-il *carton* kien hemm tnejn danneġġjati u vojta u kien hemm tnejn oħra li kellhom parti mill-kontenut tagħhom nieqes; u peress illi minħabba investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija dwar dan l-inċident, il-merkanzija rimanenti kollha ġiet sekwestrata u għadha taħt il-kontroll tal-Pulizija u l-istanti ma kellux aċċess għaliha la biex jgħodd in-numru ta' *lighters* rimanenti kif ukoll biex jeżamina l-kondizzjoni

*tal-merkanzija kif ukoll* biex jibgħat il-merkanzija barra minn Malta u fil-fatt il-proprjetarji tal-vapur kellhom iħallsu l-ammont massimu tar-responsabbilità tagħhom bħala *"shipowners"* lill-konsenjatarji skond il-liġi u saru xi surrogi relattivi, iżda l-konsenjatarji huma interessanti fil-merkanzija u għad-differenza ta' valur u danni;

U peress illi l-konvenut *nomine* huwa responsabbli għall-*merkanzija li naqset waqt li kienet taħt il-kustodja u kontroll* tiegħu u hu responsabbli għad-danni kollha derivanti min-nuqqas tar-rikonsenja tal-merkanzija lill-istanti; u peress li nonostante li saret kontra l-istess konvenut *nomine*. L-interpellazzjoni solita bl-ittri tas-26 ta' Ġunju, 1978 (Dok. A) u tat-2 ta' Ottubru, 1978 (Dok. B) ma sar l-ebda pagament mill-konvenut *nomine;*

U peress illi l-konvenut Abela *nomine* huwa responsabbli għan-nuqqas *ta' dina l-merkanzija* u *għandu l-obbligu li* jikkonsenja lill-istanti l-merkanzija rimanenti u jħallas id-danni tal-merkanzija nieqsa kif ukoll għad-danni li jeżistu tal-merkanzija rimanenti jew deprezzament li sofriet jew li tista' ssofri saż-żmien tal-konsenja tagħhom jew għall-ispejjeż inkorsi jew għal kull raġuni oħra, sija dwar *"damnum emergens"* kif ukoll għal-*"lucrum cessans";*

Wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni; l-istess attur talab li din il-Qorti:

(1) tiddeċidi u tiddikjara li l-konvenut Godwin Abela *nomine* hu responsabbli versu l-attur *nomine* għan-nuqqasijiet u danni kollha riskontrati fl-imsemmija konsenja ta' wieħed u tletin (31) *cartons* ta' *gas filled lighters* li ġew skarikati mill-vapur

*Welsh Trident* fl-10 ta' April, 1978 jew konnessi magħha kif fuq spjegat;

(2) tistabilixxi u tillikwida l-ammont ta' danni pagabbli mill-konvenut Godwin Abela *nomine* lill-istanti dwar l-istess merkanzija għar-raġunijiet premessi; u

(3) tikkundanna lill-konvenut Godwin Abela *nomine* biex iħallas lill-attur *nomine* d-danni hekk likwidati – u dana għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż u bl-interessi kummerċjali kontra l-konvenut *nomine;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li l-kumpanija konvenuta m'hix responsabbli skond il-liġi għan-nuqqas fil-merkanzija allegata fiċ-ċitazzjoni mill-attur *nomine* billi l-istess kumpanija konvenuta qdiet il-funzjonijiet tagħha relattivament għall-merkanzija "*de quo*" bid-diliġenza kollha mistennija minnha;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-8 ta' Frar, 1985, li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel talba ta' l-attur limitatament fil-konfront ta' ħmistax (15)-il kaxxa "*gas lighters*" li nstabu nieqsa jew vojta, kif ukoll għall-valur ta' nofs kaxxa oħra nieqsa mill-kontenut li *arbitrio boni viri* jista' jittieħed bħala l-ammont ta' *lighters* neqsin minn żewġ kaxxi oħra li nstabu miftuħa u bil-kontenut tagħhom nieqes, tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-ammont ta'

*danni pagabbli* mill-konvenut *nomine* f'*somma* ekwivalenti għal erbat elef seba' mija u għaxar dollari Amerikani (U.S.$4710); tilqa t-tielet talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut *nomine* li jħallas din is-somma f'ammont ta' liri maltin kalkulabbli bir-rata tal-kambju tal-lum. L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal nofs mill-konvenut *nomine* u kwantu għan-nofs l-ieħor mill-attur *nomine* li lilu jibqa' riservat kull dritt dwar il-merkanzija elevata mill-pulizija u dan wara li kkunsidrat dan li ġej u ċjoè:

Irriżulta li fl-10 ta' April, 1978, ġew skarikati 31 kaxxa *'Gas Lighters'* mill-vapur *Welsh Trident* li għaddew f'idejn is-soċjetà konvenuta li poġġiethom fil-*"hazardous rooms"* sakemm jitgħabbew fuq vapur ieħor biex jittieħdu l-Yemen għal-liema pajjiż kienu ddestinati *overpayment*. Din il-kamra qiegħda fid-*Deep Water Quay* operata mis-soċjetà konvenuta. Irriżulta li mill-anqas kien hemm erba' settijiet ta' ċwievet li jiftħu din il-kamra u li dawn kienu jinżammu minn impjegati diversi tas-soċjetà konvenuta. Fil-21 ta' Ġunju, 1978, din il-merkanzija kellha titgħabba għall-Yemen, iżda nstab li fil-*"hazardous Room"* kien għad fadal biss 18-il kaxxa li minnhom tnejn kienu kompletament vojta u tnejn oħra kienu *"damaged and short of contents"*. Din ir-rimanenti merkanzija ġiet elevata u baqgħet għand il-Pulizija;

Illi l-Perit fuq indikat wara li investiga l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt involuti fil-kawża, wasal għall-konklużjoni li:

(1) is-soċjetà konvenuta bħala **depożitarja,** kellha obbligu li tikkustodixxi l-merkanzija li rċeviet u li *inter alia* hemm applikabbli l-artikoli 2002, 1175(1) u 1075 tal-Kodiċi Ċivili li jistabbilixxu l-grad ta' diliġenza li trid tintuża fl-esekuzzjoni ta' l-*obbligazzjoni naxxenti* mill-kuntratt ta' depożitu;

(2) is-soċjetà konvenuta kienet tħaddem sistema pjuttost laxk ta' *security* dwar il-*"hazardous room"* bir-riżultat li ma intużatx dak il-grad ta' attenzjoni, diliġenza u sorveljanza mistennija. Konsegwentement hi kienet responsabbli għad-danni sofferti mill-attur għall-merkanzija kollha msemmija li nstabet nieqsa ċjoè 15-il kaxxa u nofs;

(3) is-soċjetà konvenuta però m'għandhiex tiġi ritenuta responsabbli għall-fatt li l-Pulizija Esekuttiva ħasset il-bżonn li televa l-kumplament tal-konsenja li nstabet fil-*"hazardous room"*, fil-kors ta' l-investigazzjoni tagħha għaliex dan il-fatt kien jikkostitwixxi forza maġġuri fil-konfront tas-soċjetà konvenuta;

(4) is-soċjetà konvenuta trid tħallas lill-attur in linea ta' danni somma ekwivalenti għal 4710 Dollari Amerikani;

Illi minn eżami akkurat tal-provi miġbura jidher li l-istess Perit għamel apprezzament tajjeb u ġust tal-provi li ressqu l-kontendenti u applika korrettement il-prinċipji ta' dritt li jirregolaw il-każ. Għalhekk, il-Qorti, tagħmel tagħha l-konklużjonijiet peritali u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess relazzjoni li qegħdin jiġu addottati;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut appellant ippreżentata fit-18 ta' Frar, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-Appell tal-konvenut *nomine* li biha talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka dik il-parti tas-sentenza datata 8 ta' Frar, 1985 u mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, fejn l-appellant ġie ddikjarat responsabbli għan-nuqqasijiet u danni hemm indikati, u minflok

*jiġi ddikjarat li* l-app*ellanti ma huwiex* responsabbli għan-nuqqasijiet hemm indikati u għandu jiġi lliberat minn kull responsabbilità kwalunkwe b'dana li t-talbiet attriċi għandhom *jiġu miċħuda in toto* bl-*ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess* attur *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-istess Carmel Bugeja fil-kwalità tiegħu premessa li biha fil-mertu ssottometta illi, mingħajr preġudizzju għall-Appell inċidentali tiegħu, is-sentenza hija ġusta u timmerita konferma u li biha appella inċidentalment billi ssottometta (a) hemm lok għar-revoka tas-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellant *nomine* mir-responsabbilità għad-danni li sofra l-appellat għat-telf ta' dik il-merkanzija li ġiet elevata *mill-pulizija* dak in-nhar li ġie skopert il-każ, u għall-kundanna ta' l-appellant responsabbli għall-valur ta' dan ukoll u (b) fi kwalunkwe każ il-kap ta' l-ispejjeż, *kif deċiż mill-Qorti ma kienx ġust peress* illi t-talba ta' l-attur *nomine* ma kinitx għall-ammont determinat iżda danni li kellhom jiġu ffissati mill-Qorti u in fatti l-Qorti *laqgħet it-talba ta'* l-attur u b'hekk dawn l-ispejjeż għandhom jiġu kollha akkollati lill-konvenut *nomine,* – u għalhekk bl-istess risposta l-attur appellat talab li din il-Qorti (1) tiċħad l-appell prinċipali ta' l-appellant *nomine* bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu (2) tilqa' l-appell inċidentali ta' l-attur appellat *nomine* u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu li lliberat lill-konvenut *nomine* billi jħallas nofs id-danni sofferti mill-attur *nomine* u nofs l-ispejjeż tal-kawża u minflok tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli għad-danni ekwivalenti għall-valur tal-merkanzija kollha u mhux biss għall-parti li ma nstabitx *fil-kamra u tikkonfermaha għar-rimanenti* u b'hekk tiddikjara lill-konvent *nomine* responsabbli tad-danni kollha ekwivalenti għall-valur tal-merkanzija kollha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut *nomine;*

Rat l-atti kollha relattivi u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi bis-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar, 1985, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ kienet iddeċidiet il-kawża billi, laqgħet l-ewwel talba ta' l-attur limitatament fil-konfront ta' ħmistax-il kaxxa *"gas lighters"* li nstabu nieqsa jew vojta, kif ukoll għall-valur ta' nofs kaxxa oħra nieqsa mill-kontenut li *"arbitrio boni viri"* jista' jittieħed bħala l-ammont ta' *lighters* neqsin minn żewġ kaxxi oħra li nstabu miftuħa u bil-kontenut tagħhom nieqes, billi laqgħet it-tieni talba u llikwidat l-ammont ta' danni pagabbli mill-konvenut *nomine* f'somma ekwivalenti għal erbat elef seba' mija u għaxar dollari amerikani u billi laqgħet it-tielet talba ta' l-attur u kkundannat lill-konvenut *nomine* li jħallas din is-somma f'ammont ta' liri maltin kalkolabbli bir-rata tal-kambju tad-data ta' l-imsemmija sentenza. L-istess Qorti ordnat li l-ispejjeż jitħallsu kwantu għan-nofs mill-konvenut *nomine* u kwantu għan-nofs l-ieħor mill-attur *nomine* li lilu jibqa' riservat kull dritt dwar il-merkanzija elevata mill-pulizija;

*Omissis;*

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra dak li ġie ssollevat mill-attur appellat fil-paragrafu 3 tar-risposta tiegħu a fol. 122 qabel tgħaddi biex tidħol fil-kwistjonijiet sollevati fl-ewwel aggravju ta' l-appellant. Għad li l-attur appellat qiegħed jissottometti li l-eċċezzjonijiet in kwistjoni m'humiex sollevabbli fl-Appell, l-artikolu 732(1) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li "Bla ħsara dejjem tad-disposizzjonijiet

ta' dan il-Kodiċi dwar produzzjoni *tal-provi*, l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw ukoll fil-Qorti fi grad ta' appell għalkemm ma jkunux ġew mogħtija *fil-Qorti* ta' l-ewwel grad''. Minn eżami ta' dan l-artikolu għalhekk joħroġ ċar li apparti l-kwistjoni ta' produċibilità ta' provi in konnessjoni *magħhom*, l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw quddiem din il-Qorti allavolja ma kinux ingħataw quddiem l-ewwel Qorti. Kwindi għalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti hu li tidħol u tindaga fuq il-kwistjoni tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika allegata mill-konvenut appellant fl-ewwel aggravju tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi f'din il-kawża huma fl-ewwel lok iż-żewġ ditti *''Welsh Overseas Freighters Ltd.''* u ''Gibbs & Co. Ltd.'' Dawn id-ditti huma l-proprjetarji tal-vapur *''Welsh Trident''* li kien għabba l-merkanzija in kwistjoni mill-Ġappun u Hong Kong, destinata għal Hodeidah North Yemen u bi żball flok tnizzlet hemm ġiet trasportata hawn Malta. Fit-tieni lok hemm id-ditta *''Nippon Yusen Kaisha (N.Y.K. Line)* li hija ċ-*''charterer''* tal-vapur imsemmi. Fit-tielet lok l-atturi l-oħra huma ż-żewġ ditti *''Al Sawani Stores'* u *''Ali Mohammed Ahmed Trading Houses''*, it-tnejn ta' North Yemen. Dawn iż-żewġ ditti huma l-konsenjatarji tal-merkanzija msemmija fiċ-Ċitazzjoni. Din kellha tiġi żbarkata f'Hodeidah però bi żball ġiet trasportata hawn Malta u meta ġiet effettivament żbarkata hawn, għaddiet f'idejn is-soċjetà konvenut fl-10 ta' April, 1978;

Illi l-merkanzija li *kienet ġiet* mgħobbija oriġinarjament kienet tikkonsisti fi *32 cartons lighers* tal-gas però f'Malta ġew skarikati biss 31 *cartons* ta' l-istess. Fil-21 ta' Ġunju, 1978 kellha

tiġi karikata mill-ġdid biex tintbagħat f'Hodeidah il-post ta' destinazzjoni oriġinali iżda nstabu biss 18-il *cartons* u t-13-il *cartons* l-oħra kienu neqsin għal kollox. Barra minn hekk apparti t-tlettax neqsin, 2 mill-oħrajn kienu vojta u tnejn l-oħra bin-nieqes u danneġġjati. Li ġara kien li d-ditta *"Nippo Yusen Kaisha (N.Y.K. Line)* ħallset lir-riċevituri li huma ż-żewġ ditti tan-North Yemen dak li kien *"the ship's maximum liability"*, skond il-kondizzjonijiet fil-Bills of Lading relattivi u dawn iż-żewġ ditti ssurrogawha fid-drittijiet tagħhom. L-istess *Nippon Yusen Kaisha (N.Y.K. Line)* tħallset mill-atturi l-oħra proprjetarji tal-vapur *"Welsh Trident"* dak li hija kienet ħallset lir-riċevituri fuq imsemmija u ssurrogat lill-istess fid-drittijiet tagħha (ara Dokumenti SR1, SR2 u R). Skond id-dokument R (fol. 67) jirriżulta li d-ditta *"Nippon Yusen Kaisha"* kienet issurrogat lil *"Welsh Freighter Ltd."* fid-drittijiet tagħha mal-ħlas ta' U.S.$9420 somma ekwivalenti għal dik imallsa minnha lir-riċevituri (Dok. SR1 – SR2). In fatti fis-surroga relattiva (Dok. R) insibu: *"We confirm that, by virtue of such payment, Welsh Overseas Freighters Ltd. became subrogated to all our rights and remedies in and in respect of the above cargo"*. Minn eżami ta' dan id-dokument id-ditta *"Gibbs & Co." (Ship Management) Ltd.* ma tissemma mkien. Kwindi għalhekk ma jidhirx li għandha xi relazzjoni ġuridika mas-soċjetà konvenuta. Il-konvenuta appellant fil-paragrafu 5B tal-petizzjoni tiegħu qiegħed jirriferi għal *"Welsh Overseas Freighters Limited"* u *"Gibbs & Co."* bħala li kienu xi ditta waħda mentri fil-fatt huma żewġ ditti distinti u fil-premessi fiċ-ċitazzjoni huma indikati bħala iż-żewġ proprjetarji tal-vapur *"de quo"*. Minn dak li ntqal aktar 'il fuq għalhekk jirriżulta li l-konsenjatarji tal-merkanzija in kwistjoni jinsabu sodisfatti mill-pretensjonijiet tagħhom derivanti min-nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija *"de quo"* billi tħallsu mis-soċjetà *Nippon Yusen Kaisha*. Kwindi għalhekk huma

m'għandhomx aktar interess ġuridiku f'dan il-każ. L-istess jista' jingħad fil-konfront tas-soċjetà *Nippon Yusen Kaisha* għall-istess raġuni. Fir-rigward tad-ditta *Gibbs & Co. (Ship Management) Ltd.* però jrid jingħad li f'dan il-każ ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjetà konvenuta. *Effettivament* din qatt ma ġiet surrogata f'xi drittijiet pertinenti fil-konfront tal-konvenut *nomine;*

Ikkunsidrat:

Illi l-merkanzija *"de quo"* ġiet skarikata Malta fid-*Deep Water Quay* fl-10 ta' April, 1978, u għaddiet f'idejn is-soċjetà konvenuta. Ta' dan id-depożitu l-konvenut jirċievi kumpens. Japplikaw għalhekk f'dan il-każ l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili li jikkonċernaw il-kuntratt tad-"depożitu". Fil-fatt fil-każ preżenti, il-konvenut *noe* ma hu xejn ħlief id-depożitarju. L-artikolu 1891 ta' l-istess Kodiċi Ċivili jgħid li "Id-depożitu in ġenerali huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħaddieħor bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha lura *in-natura"*. Minn dan joħorġu ċari ż-żewġ obbligi tad-depożitarju u ċjoè wieħed tal-kustodja tal-ħaġa u l-ieħor tar-radd. Għal dak li jirrigwarda l-obbligu tal-kustodja l-artikolu 1899 jiddisponi li d-depożitarju għandu jieħu ħsieb il-ħaġa ddepożitata għandu daqs kemm jieħu ħsieb fil-kustodja ta' ħwejġu. Fil-każ ikkontemplat fis-subinċiż (1)(b) ta' l-artikolu 1900 u ċjoè "meta jkun ftiehem li għandu jkun hemm ħlas għall-kustodja tad-depożitu dak li hemm dispost fl-artikolu 2001 għandu jiġi applikat b'mod aktar sever". Issa skond is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 1900 però fil-każ hemm ikkontemplat jgħoddu wkoll id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1132(1). Skond dan l-artikolu fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, id-diliġenza għandha tkun dik ta' missier tajjeb tal-familja. Kwindi fil-każ in eżami fejn id-depożitu qed isir bi ħlas il-konvenut *nomine*

kellu l-obbligu li jieħu ħsieb il-merkanzija *"de quo"* daqs kemm jieħu ħsieb ħwejġu u dana bħala *"bonus pater familias"* u *di più* b'mod aktar sever". Id-depożitarju mbagħad ma għandu jwieġeb qatt għall-aċċidenti li jiġru b'forza maġġuri jekk ma jkunx ġie mqiegħed in mora għar-radd tal-ħaġa jew inkella l-ħaġa kienet tispiċċa xorta waħda kieku kienet f'idejn id-depożitant stess;

Illi l-merkanzija *"de quo"* ġiet f'idejn is-soċjetà konvenuta fl-10 ta' April, 1978 u fil-21 ta' Ġunju, 1978 meta ġiet biex tiġi rtirata nstabu 13-il *cartons* neqsin għal kollox u mill-kumplament, tnejn danneġġati u vojta u tnejn oħra bil-kontenut nieqes. Il-konvenut *nomine* li skond l-artikolu 1993 kellu l-obbligu li jikkustodiha u wara li jroddha lura għandu jipprova hu li adempixxa l-obbligi tiegħu skond il-liġi f'każ ta' nuqqas u ta' ħsara. Kwindi sewwa rrileva l-għaref relatur, jinkombi fuq id-depożitarju li jipprova l-merkanzija *"de quo"* ttieħdet mill-pussess tiegħu b'aċċident minn forza maġġuri jekk huwa jrid jeżimi ruħu mir-responsabbilità;

Illi meta l-merkanzija ġiet f'idejn is-soċjetà konvenuta tqiegħdet f'dik li jgħidulha l-*Hazard Room,* li hi kamra separata mix-*sheds* u tinsab ħdejn il-*Main Gate,* viċin ukoll l-uffiċċju tal-Pulizija. In-nuqqas fil-merkanzija u l-ħsara ġew skoperti meta marru biex jirtirawha għall-iskop ta' imbarkazzjoni. Kull meta tinfetaħ din il-kamra hemm regola li jrid ikun hemm preżenti fizzjal tad-Dwana. Din il-kamra għandha żewġ bibien u kull wieħed minnhom jingħalaq b'katnazz wieħed. Ġeneralment bieb wieħed biss jintuża. Kull wieħed mit-tliet *Senior Clerks* tal-kumpanija għandu ċavetta però ċ-ċavetta ma jżommuhiex fuqhom iżda fl-uffiċċju tagħhom biex skond ma qalu x-xhieda tintuża liberalment minn min ikollu bżonnha, bħall-*"Clerks"*

l-oħra li jkollhom bżonn jiftħu l-kamra *"de quo"*. F'kull waħda mit-tliet tined hemm 6 jew 7 *clerks*. Irriżulta mix-xhud Anthony Agius li biex tidħol għal din il-kamra trid tgħaddi mill-*Outer Gate* li tkun mgħassa mill-pulizija, gwardjan tad-Dwana u impjegat tas-Soċjetà konvenuta. Irriżulta wkoll li kemm damet f'din *il-kamra l-merkanzija qatt ma ġie rrapportat jew instab* xi żgass. Kwindi għalhekk min ħa l-merkanzija *"de quo"* x'aktarx li daħal fil-*Hazard Room* permezz ta' ċavetta minn dawk li kienu jiġru fl-idejn. Wieħed jinnota f'dan il-każ li kien hemm wisq ċwievet fl-idejn u dan bi ftit jew xejn kontroll. Minn imkien ma jirriżulta li apparti li ssejħet il-pulizija biex tinvestiga l-każ ħadd da parti tas-soċjetà konvenuta ma ħa xi interess speċjali biex jinvestiga min seta' daħal fil-*Hazard Room* fl-okkażjoni in kwistjoni. *Jirriżulta wkoll li kien hemm wisq nies* li kellhom aċċess faċli għaċ-ċwievet tal-*"Hazard Room"* u n-nuqqas ta' kontroll fuq l-istess jidher li kien konsiderevoli. Dan jammonta għal traskuraġni u dana f'post fejn ikun hemm maħżuna merkanzija ta' valur konsiderevoli;

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* hija fis-sens li huwa ma għandux jiġi ritenut responsabbli għan-nuqqas u ħsara *"de quo"* billi huwa fl-esekuzzjoni ta' l-obbligi tiegħu *applika* d-diliġenza mistennija minnu. Din l-eċċezzjoni tal-konvenut timporta allegazzjoni min-naħa tiegħu li n-nuqqas u ħsara fuq imsemmija kienu dovuti għall-forza maġġuri u kwindi għalhekk huwa ma għandux iwieġeb għaliha skond id-dispost ta' l-artikolu 1901 tal-Kodiċi Ċivili. In fatti skond il-ġurisprudenza tagħna "Fl-aħħar mill-aħħar, is-serq ta' oġġett depożitat jammonta għall-każ fortwitu, meta d-depożitarju jkun ħa l-prekawzjonijiet xierqa biex is-serq ma jsirx; u bħala tali s-serq ma jidħolx fir-responsabbilità tad-depożitarju" (ara Elia Borg Bonaci *vs* Robert Biasini *et noe* deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Mejju, 1950,

Vol. XXXIV.I.189). Fil-fatt però fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut ma rnexxilux jipprova kif kellu jipprova li hu applika d-diliġenza rikjesta mil-liġi fil-każ in eżami. Skond id-duttrina in fatti *"La prova del caso fortuito è a carico del depositario perchè adducendo esso il furtuito o la forza maggiore, sostiene di essersi liberato dall'obligazione, e spetta al debitore offrire la prova di siffatta liberazione"*. (ara Ricci Vol. 9 P. 382 para. 231). In fatti mill-provi prodotti jidher li kien hemm laxkezza kbira fis-sistema tas-sigurtà fil-*Hazard Room*. Kien hemm ukoll *di più* ċerta *"non-curanza"* wkoll da parti mis-soċjetà konvenuta anki wara, fir-rigward ta' dak li ġara. In fatti minn imkien ma jidher li sar xi sforz da parti tas-soċjetà konvenuta biex din tirriklama dik il-parti tal-merkanzija li kienet ġiet elevata mill-pulizija. Jgħodd għalhekk dak li qal ir-"Ricci", fil-*"Commentario sul Diritto Civile (Volume IX para 231 pag. 382)* fir-rigward tal-każ in eżami. *"Se il depositario sia in colpa, quantunque non costituito in mora, non può parlarsi di caso fortuito o di forza maggiore, perchè il caso fortuito che il depositario poteva evitare usando la dilegenza alla quale esso è tenuto, non può considerarsi tale, ma è conseguenza della colpa, di cui il depositario si è reso responsabile"*;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur appellat ipprevalixxa ruħu mill-appell tal-konvenut u interpona appell inċidentali mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Fl-ewwel lok l-attur appellat talab ir-revoka tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kienet illiberat lill-appellant mir-responsabbilità għad-danni li sofra l-appellat għat-telf ta' dik il-merkanzija li kienet ġiet elevata mill-pulizija investgattiva dak in-nhar li kien ġie skopert il-każ u li tikkundanna lill-appellant responsabbli għall-valur ta' dan ukoll;

Illi l-prinċipju enunċjati aktar 'il fuq japplikaw ukoll għal dak li qiegħed jissottometti l-attur fl-appell inċidentali tiegħu. Fir-rigward ta' dik il-parti tal-merkanzija nieqsa u danneġġjata ġie ritenut hawn fuq li l-konvenut appellant ma rnexxilux jipprova l-forza maġġuri u li rriżulta mill-provi li dawn kienu konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-konvenut li juża dik id-diliġenza imposta fuqu mil-liġi bħala depożitarju. Dwar il-merkanzija li wara ġiet elevata mill-pulizija però wieħed ma jistax jiddebita dan il-fatt għal xi nuqqas ta' l-istess konvenuti *noe* jew li kien konsegwenzjali għall-istess. Kwindi għalhekk ma tistax tiġi addebitata lill-konvenut appellant ebda responsabbiltà fil-konfront tal-merkanzija elevata mill-pulizija;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur appellat fir-risposta tiegħu appella inċidentalment ukoll fuq il-kap ta' l-ispejjeż kif deċiż mill-ewwel Qorti. Huwa ssottometta li l-kap ta' l-ispejjeż deċiż mill-Qorti ma kienx ġust peress li t-talba ta' l-attur *nomine* ma kinitx għall-ammont determinat iżda danni li kellhom jiġu ffissati mill-Qorti;

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni fl-ewwel lok kien talab lill-Qorti biex tiddeċidi u tiddikjara li l-konvenut *nomine* huwa responsabbli versu l-attur *nomine* għan-nuqqasijiet u danni kollha riskontrati fl-imsemmija konsenja ta' 31 *cartons* ta' *"Gas filled lighters"* li kienu ġew karikati fuq il-vapur *Welsh Trident* u biex tillikwida d-danni dovuti lill-attur relattivament għal dik il-merkanzija. Bis-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar, 1985, l-ewwel Qorti kienet iddeċidiet billi laqgħet l-ewwel talba attriċi limitatament għal 15-il kaxxa. Kwindi l-likwidazzjoni tad-danni saret a bażi ta' 15-il kaxxa kif ukoll għall-valuri ta' nofs kaxxa oħra nieqsa mill-kontenut tagħha. Bejn wieħed u ieħor l-ewwel Qorti kienet sabet

lill-konvenut responsabbli biss għal nofs il-merkanzija msemmija fiċ-Ċitazzjoni u l-likwidazzjoni tad-danni skond it-tieni domanda saret a bażi ta' l-istess proporzjon. Kwindi għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-kap ta' l-ispejjeż kienet ġusta;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi:

1. tiddikjara li d-ditti *"Nippon Yusen Kaisha (N.Y.K. Line)"*, u *"Al Sawani Stores"* ta' North Yemen u *"Ali Mohammed Ahmed Trading Houses"* ta' North Yemen, ma għandhom ebda interess ġuridiku f'din il-kawża u tiddikjara wkoll li bejn il-konvenut Godwin Abela *noe,* u d-ditta *Gibbs & Co. (Ship Management) Ltd.*, ma hemm ebda relazzjoni ġuridika u għalhekk qiegħda tillibera lill-konvenut *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' dawn id-ditti;

2. tiċħad l-appell inċidentali ta' l-attur nomine;

3. tiċħad l-appell tal-konvenut *nomine* appellant ħlief għal dak li ntqal fuq fl-ewwel paragrafu dwar nuqqas ta' interess ġuridiku u nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn id-ditti hemm indikati u l-konvenut *nomine;*

4. tikkonferma fil-kumplament tagħha s-sentenza appellata fil-konfront tal-konvenut *nomine* u ta' Carmel Bugeja bħala prokuratur speċjali tal-kumpanija Estera *"Welsh Overseas Freighters Ltd"* u in rappresentanza ta' l-istess;

Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, l-ispejjeż relattivi għal-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju, stante li l-eċċezzjoni

relattiva ġiet issollevata f'dan l-istadju, għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti. L-ispejjeż relattivi għall-appell inċidentali għandhom jiġu sopportati mill-attur *nomine* mentri l-ispejjeż l-oħra kollha, ħlief dawk fuq deċiżi, għandhom, kwantu għall-ewwel istanza, jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti, ċjoè nofs mill-attur *nomine* u nofs mill-konvenut *nomine*, mentri l-ispejjeż relattivi għall-appell tal-konvenut *nomine* għandhom jiġu sopportati mill-konvenut *nomine*. *Jibqa' riservat* lill-attur *si et quatenus* kull dritt dwar il-merkanzija li ġiet elevata mill-pulizija.